

Stqarrija ta' Privatezza

Għall-ipproċessar tad-data personali li jsir mill-Parlament Ewropew japplikaw l-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018.

1) Min jipproċessa d-data personali tiegħek?

Il-Parlament Ewropew qed jaġixxi bħala l-kontrollur¹ u l-entità responsabbli għall-ipproċessar hija l-Uffiċċju tal-Koordinatur tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet tat-Tfal, irrappreżentat mis-Sinjura Ewa Koenig-Wojtowicz

Tista' tikkuntattja lill-kontrollur/entità permezz ta' email lil EPCoordinatorChildRights@europarl.europa.eu jew bil-posta lill-Uffiċċju tal-Koordinatur tal-Parlament Ewropew dwar id-drittijiet tat-tfal KOHL 08 Y 020
60, rue Wiertz / Wiertzstraat 60 B-1047 Bruxelles/Brussel

2) X'inhwa l-iskop tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek?

Id-data personali tiegħek se tiġi pproċessata sabiex tanalizza u tipproċessa l-inkjesta tiegħek fi ħdan il-kompetenza tal-Uffiċċju kif ukoll għall-ipproċessar tad-data għal finijiet ta' statistika u ġestjoni.

3) X'inhwa l-bażi ġuridika għall-ipproċessar?

Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar hija d-deċiżjoni tal-Bureau D tal-Parlament Ewropew D(2018) 13252 tat-28 ta' Marzu 2018.

Il-kompetenzi tal-Uffiċċju huma kif ġej:

-) Jaġixxi bħala punt ta' kuntatt ċentrali biex jimmonitorja u jippromwovi b'mod attiv id-drittijiet tat-tfal fil-politiki tal-UE, filwaqt li jiżgura l-koerenza u l-viżibbiltà tal-azzjonijiet tal-Parlament f'dan il-qasam.
-) Jipromwovi l-medjazzjoni transfruntiera f'tilwim familjari internazzjonali.
-) Ikun ta' punt ċentrali ta' informazzjoni għaċ-ċittadini tal-Istati Membri fil-ħtif internazzjonali tal-minuri mill-ġenituri jew f'tilwim familjari transfruntier ieħor.

Artikolu 50(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1725 f'sitwazzjonijiet partikolari li fihom is-suġġett tad-data jkun espliċitament ta' kunsens għat-trasferiment propost li tqies neċessarju f'fajl speċifiku.

¹ Kontrollur huwa l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali. Il-Kontrollur huwa rappreżentat mill-kap tal-entità.

4) Liema data personali tiġi pproċessata?

Nipproċessaw l-informazzjoni personali tiegħek inkluż "il-Kunjom", "l-Isem", "il-Pajjiż ta' residenza", l-Email", "in-Numru tat-telefown" u "s-Suġġett tal-inkjesta tiegħek", u kwalunkwe data personali oħra li tista' tidher fl-inkjesta.

5) Kif se tiġi pproċessata d-data personali tiegħek?

It-talbiet jaslu bl-email.

Jekk il-mistoqsija tiegħek tkun relatata ma' tilwim transfruntier tal-familja jew ħtif tat-tfal mill-ġenituri, l-Uffiċċju jista' jikkuntattjak bit-telefown jew bl-email biex jiċċara t-talba. Wara valutazzjoni tas-sitwazzjoni, tittieħed deċiżjoni dwar l-informazzjoni xierqa u s-segwitu li għandu jingħata. Se tirċievi din l-informazzjoni bl-email.

Jekk il-mistoqsija tiegħek tkun relatata mad-drittijiet tat-tfal li jaqgħu taħt il-kompetenza domestika tal-Istati Membri, aħna nirrispondu għat-talba tiegħek permezz ta' email b'informazzjoni dwar is-servizzi xierqa ta' kuntatt fi ħdan l-Istati Membri.

Jiġu applikati miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa għall-ipproċessar.

6) Għal kemm żmien tinħażen id-data personali tiegħek?

Jekk il-mistoqsija tiegħek tkun relatata ma' ħtif transfruntier tat-tfal mill-ġenituri jew tilwim transfruntier ieħor tal-familja, aħna se nżommu d-data personali tiegħek għal 10 snin. L-Uffiċċju jaħżen id-data personali għal dan il-perjodu biex jassisti lill-Uffiċċju fit-tweġiba tiegħu għal mistoqsijiet ta' segwitu dwar il-kwistjoni u biex ikopri t-tul tal-mandati tal-Koordinatur attwali u l-predeċessor u s-suċċessur tiegħu/tagħha.

Jekk il-mistoqsija tiegħek hija relatata ma' kwistjonijiet ġenerali relatati mad-drittijiet tat-tfal li jaqgħu barra mill-kompetenza tal-Koordinatur u fejn nipprovdlek informazzjoni dwar servizzi rilevanti fl-Istat Membru, inżommu d-data tiegħek għal sentejn.

7) Min huma r-riċevituri tad-data personali tiegħek?

Id-data tista' tiġi kondiviża mal-Koordinatur u mal-uffiċċju privat tiegħu, jew ma' servizzi rilevanti oħra tal-Parlament Ewropew. F'każijiet limitati u bil-kunsens tal-investigatur, id-data tista' tiġi kondiviża mas-servizzi rilevanti fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE u/jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati ġewwa jew barra l-UE.

8) Id-data personali tiegħek tiġi kondiviża ma' pajjiż mhux tal-UE jew organizzazzjoni internazzjonali?

Iva, id-data personali tiegħek tista' tiġi kondiviża ma' pajjiż mhux tal-UE kif indikat fil-punt 7 hawn fuq. Bil-kunsens tal-investigatur, id-data tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat responsabbli. Mhux se tiġi kondiviża ma' organizzazzjoni internazzjonali.

9) Jintużaw xi proċessi awtomatizzati² u/jew tfassil ta' profili³ biex jittieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwawk?

Le.

10) [Meta s-sors tad-data personali MHUWIEX is-sugġett tad-data] Jekk id-data personali ma nkisbitx mingħandek, x'inhum s-sors tagħha?

F'każijiet limitati biss, id-data personali tista' tinkiseb mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istati jew tal-istituzzjonijiet tal-UE, fl-UE jew barra minnha, fejn l-Uffiċċju, bil-kunsens tal-investigatur, ikun talab assistenza jew informazzjoni dwar il-kwistjoni partikolari.

11) X'inhuma d-drittijiet tiegħek?

) Inti għandek id-drittijiet li ġejjin:

- Id-dritt ta' aċċess għad-data personali tiegħek.
- Id-dritt ta' rettifika tad-data personali tiegħek.
- [Fejn applikabbli] Id-dritt li tħassar id-data personali tiegħek.
- [Fejn applikabbli] Id-dritt ta' restrizzjoni tal-ipproċessar.
- [Fejn applikabbli] Id-dritt li togħġezzjona għall-ipproċessar.
- [Meta l-bażi leġittima tal-ipproċessar hija l-kunsens tas-suġġett tad-data] Id-dritt li tirtira l-kunsens fi kwalunkwe mument, mingħajr ma tkun ippreġudikata l-leġittimità tal-ipproċessar ibbażat fuq il-kunsens qabel ma ġie rtirat
- Id-dritt li tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew fuq data-protection@europarl.europa.eu.

² Teħid ta' deċiżjoni unikament b'mezzi awtomatizzati u mingħajr ebda involviment uman. {Eżempji teoretiċi: paġna tal-internet fejn jekk tagħżel ċerti opzjonijiet, titqiegħed awtomatikament f'listi ta' indirizzi elettroniċi differenti li permezz tagħhom tirċievi l-bullettin korrispondenti ta' kull xahar / l-użu ta' sistema awtomatizzata biex jiġu kkoreġuti t-tweġibiet ta' test "b'Għażla Multipla" u tingħata marka eliminatorja skont in-numru ta' tweġibiet tajbin}.

³ It-tfassil ta' profili janalizza aspetti tal-personalità, l-imġiba, l-interessi u d-drawwiet ta' individwi biex isiru previżjonijiet jew jittieħdu deċiżjonijiet dwarhom. Dan jintuża biex jiġu analizzati jew previsti aspetti li jikkonċernaw il-prestazzjoni fuq il-post tax-xogħol, is-sitwazzjoni ekonomika, is-saħħa, il-preferenzi jew l-interessi personali, l-affidabbiltà jew l-imġiba, jew il-lokalizzazzjoni jew il-movimenti tal-persuna kkonċernata, eċċ. {Eżempju teoretiku: meta tuża għodod tal-midja soċjali, tingħabar data u jiġu rreġistrati t-tendenzi tiegħek. Din id-data mbagħad tintuża biex jiġu fformati previżjonijiet ġodda/differenti dwarek}.

- Id-dritt li tressaq ilment [lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data](mailto:edps@edps.europa.eu) fuq edps@edps.europa.eu.